A.L. 61 ta' l-1980

ATT TA' L-1965 DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza (Formuli u Drittijiet relattivi għal Reġistrazzjoni u Naturalizzazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 18 ta' l-Att ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, il-President ta' Malta għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza (Formuli u Drittijiet relattivi għal Reġistrazzjoni u Naturalizzazzjoni), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza (Formuli u Drittijiet relattivi għal Reġistrazzjoni u Naturalizzazzjoni), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu u bidu fis-seħħ. A.L. 50 ta' l-1965

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 1980.

2. Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:— Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

" IT-TIENI SKEDA

(Regolament 5)

Ħwejjeġ li dwarhom jista' jinġabar dritt	*Dritt li jitħallas*
1. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala ċittadin ta' Malta, jew għall-għoti ta' ċertifikat ta' naturalizzazzjoni	£ 4.00,0
2. Reġistrazzjoni bħala ċittadin ta' Malta, jew għall-għoti ta' ċertifikat ta' naturalizzazzjoni ...	£10.00,0
3. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-ġdid jew għan-naturalizzazzjoni mill-ġdid bħala ċittadin ta' Malta minn persuna li diġa kienet reġistrata jew naturalizzata bħala ċittadin ta' Malta —	
Dritt addizzjonali għall-ewwel reġistrazzjoni mill-ġdid jew għan-naturalizzazzjoni mill-ġdid ...	£ 4.00,0
Dritt addizzjonali għat-tieni reġistrazzjoni mill-ġdid jew għan-naturalizzazzjoni mill-ġdid ...	£ 6.00,0
Dritt addizzjonali għat-tielet reġistrazzjoni mill-ġdid jew għan-naturalizazzjoni mill-ġdid u jibqa' tiela' fuq din l-iskala	£ 8.00,0
4. Ħruġ ta' ċertifikat taħt l-artikolu 14 ta' l-Att ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza Maltija	£10.00,0

5. Għotja ta' kopja vera ċertifikata jew ta' kopja oħra ta' kull reġistrazzjoni jew ċertifikat kif imsemmi hawn fuq	£ 3.00,0
6. Għotja ta' ċertifikat ta' ċittadinanza għal ċittadin ta' Malta	£ 5.00,0
7. Teħid ta' ġurament	£ 1.00,0
8. Teħid ta' ġurament ta' lealtà	£ 1.00,0
9. Applikazzjoni għal inkjesta taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1965 dwar iċ-Ċittadinanza Maltija	£20.00,0".